# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 6.2

**Kap 6: Ġesù qam tassew**

**Lezzjoni 6.2 -Meta nsib ruħi fid-deżert...**

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

- japplikaw it-tbatija li tgħaddi minnha ż-żerriegħa mal-ħajja tagħhom biex huma jikbru u jitilgħu bil-għaqal;
- jifhmu t-tbatijiet li għadda minnhom Ġesù sa ma miet u qam.

**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**

- Video : *One Seed - a child's story and song*

https://www.youtube.com/watch?v=06H27-OaC44&spfreload=10



## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu



- Uri l-video *One Seed.*
- Iftaħ diskussjoni dwar x'diffikultajiet iltaqgħet maghhom iż-żerriegħa meta ddeċidiet li tikber fid-deżert.

## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Spjega: Iż-żerriegħa uriet determinazzjoni li tikber. Kienet taf li f'dak l-ambjent (id-deżert) se tkun aktar diffiċli minħabba r-riħ u s-sħana żejda . Bħal dik iż-żerriegħa aħna wkoll nsibu ruħna xi drabi fid-deżert (diffikultajiet fil-familja, mard, nuqqas ta' ħbieb, diffikultajiet fl-istudju) imma rridu nuru determinazzjoni biex xorta nibqgħu għaddejjin. (*The seed planted itself firmly).*

2. Kompli spjega - Iż-żerriegħa sħabha għamlu minn kollox biex jaqtgħula qalbha, (*it can't be done; it's never been done before, you won't survive*) imma ż-żerriegħa tad-deżert, għax kellha karattru sod, baqgħet iżomm sod (*Yes I can. Just watch me*). L-istess aħna. Se nsibu ħafna ħbieb li ma jkunux ħbieb ta' veri. Lil dawn nagħrfu nwarrbuhom minn ħajjitna. (*The seed took no notice. It planted itself firmly.*)

3. Meta ma naqtgħux qalbna mit-tbatija, din tagħti frott. Iż-żerriegħa kibret f'siġra sabiħa, (*it stood majestic*) u ż-żerriegħa l-oħra li ppruvaw jaqtgħulha qalbha skantaw .



4. Kompli iftaħ diskussjoni billi tistaqsi:

- Kif taħsbu li intom, fil-ħajja tagħkom, tistgħu ssibu t-tfixkil?
- Kif tistgħu turi li ma taqtgħux qalbkom mit-tbatija?
- Min bata u miet? Kif?
- X'nitgħallmu?

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)




1. Biex żerriegħa tikber trid tbati.
2. Biex nikbru bil-għaqal irridu nbatu.
3. Ġesù bata ħafna. Lil Ġesù qatluh u sallbuh.
4. Wara dan kollu, Ġesù qam mill-mewt.

## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)



It-tfal juru li huma għandhom kuraġġ biex jgħixu mumenti ta' tbatija. Jippruvaw jikbru fi fjuri sbieħ.

## Niċċelebraw flimkien xi kant /drama/ DVD ecc

Inkantaw is-song *One Seed*

https://www.youtube.com/watch?v=06H27-OaC44&spfreload=10



## Nitolbu



Ġesù, għinna biex ma nħallux it-tbatija taqtgħalna qalbna. Għinna wkoll biex ma nċedux għal dak li hu ħażin imma nibqgħu sodi f'dak li tajjeb.